MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru 891/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN BORG**

**VS**

**VINCENT BRIFFA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Vincent Briffa, ta’ 33 sena, bin Joseph u Jane nee’ Bugeja, imwieled gewwa Tal-Pieta’, nhar it-28 ta’ Gunju, 1973, residenti fil-fond Flat 4, 87, St Howard’s Street, Sliema, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 303773 (M);

Akkuzat talli fil-perjodu ta’ bejn it-13 ta’ Dicembru, 2002 u t-28 ta’ Frar, 2006 f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama, jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm1,000.00 (elf lira maltin), ghad-dannu tas-Socjeta' Dot-Com Limited u xi persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U kif ukoll talli approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuni ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet diga' fdata jew ikkunsinnata lilu, fil-kapacita' tieghu ta' *salesman* taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat u cioe' approprja ruhu minn flejjes migbura, liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' aktar minn Lm1,000.00 (elf lira maltin), liema flejjes jappartjenu lis- Socjeta' Dot-Com Limited, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, u dan bi ksur tal-Artikoli 293, 294, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkundsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Vincent Briffa hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------